MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2010

Numru. 51/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Ryan Grech ta' 22 sena, iben Jimmy u Marlene nee' Vella imwieled Melbourne, Awstralja, nhar it-3 ta' Gunju, 1988, residenti fil-fond Block D, Flat 5, Tac-Cawla Housing Estate, Rabat, Ghawdex, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 101705(L)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Ryan Grech li gie akkuzat talli f'diversi bnadi gewwa Ghawdex nhar il-25 ta' Mejju 2010 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess

dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda u cioe':

1) Talli ddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx u cioe' ddenunzja theddid ta' bomba gewwa fabbrika fix-Xewkija, Ghawdex, inkella b'qerq holoq tracci ta' reat b'mod li setghu inbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;
2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xerred ahbarijiet foloz illi x'aktarx allarmaw lill-pubbliku jew kisru l-bon ordni pubbliku jew il-paci pubblika nkella gabu agitazzjoni fost il-pubbliku;
3) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel uzu min apparat tat-telekomunikazzjoni b'mod mhux xieraq;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat u l-fedina penali tieghu li ma hijiex xi wahda allarmanti. Il-Qorti madanakollu ma tistax tinjora l-fatt illi ghall-kapricc tieghu l-imputat holoq paniku shih u sahansittra kien hemm hela ta' rizorsi umani minhabba l-agir irresponsabbli tieghu. Il-Qorti twissi lill-hati li ma hijiex

ser tkun klementi mieghu jekk dawna r-reati jirrepetu ruhhom;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 110(2), 82, 17(h) tal-Kapitolu 9, kif ukoll l-Artikolu 35(1)(d) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah piena ta' sitt (6) xhur prigunerija, izda fid-dawl tal-kunsidrazzjoni hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta, il-Qorti qed tissospendi dana l-perijodu ta' prigunerija ghal zmien sentejn mil-lum;

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor fil-perijodu operattiv ta' din is-sentenza;

Il-Qorti tordna li kopja tal-atti u s-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali skont il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------